*Art.253(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta*

*Art 256(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta*

*Esegwibilita' ta' Kuntratt*

*Sospensjoni tal-Ezekuzzjoni ta' Titlu Ezekuttiv*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' April 2017

**Kawza Numru : 26**
**Rikors Guramentat Numru : 117/2017/LSO**

**Fl-Atti tal-Ittra Ufficjali Nru 228/17fl-ismijiet:**

**Direttur Generali Dwana**

**vs**

**Dentrade Company Limited (C 9139)**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors ta’ Dentrade Company Limited datat 7 ta’ Frar 2017 fejn esponiet :-

Illi s-socjeta` esponenti tirrileva illi giet innotifikata b'ittra ufficjali fuq citata;

Illi l-esponenti thoss li t-talbiet mitluba fl-ittra fuq citata ghandhom jigu michuda, *stante* li l-ammont mitlub mhuwiex dovut u *di piu'*, l-azzjoni u t-talbiet tal-mittenti huma intempestivi;

Illi huwa minnu li s-socjeta` esponenti iffirmat zewg kuntratti datati 23 ta' April 2014 u 2 ta' Frar 2015 rispettivament, fejn fihom kienet obbligat ruhha li thallas f’ rati mensili ammont dovut lil mittenti, u dana sas-sena 2021;

Illi fil-fatt saru diversi hlasijiet skont il-ftehim u dana sa April 2016;

Illi fil-kuntratti msemmija nuqqasijiet ta' hlasijiet qatt ma kienu jikkostitwixxu ksur materjali tal-kuntratt innifsu u ghalhekk mid-data tal-ahhar pagament sal-lum l-ammont dovut lil mittenti huwa fl-ammont ta' madwar mija u ghoxrin

elf (€120,000), eskluz l-imghax, u mhux l-ammont pretiz mill-mittenti fl-ittra ufficjali fuq citata;

Illi kif ser jigi pruvat mill-esponenti fil-proceduri odjerni, it-talbiet mittenti huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;

Ghaldaqstant is-socjeta` esponenti, ghar-ragunijiet premessi u ghal dawk li ser jingiebu waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tissosspendi l-ezegwibilita` tat-titolu ezekuttiv pretiz fl-ammont kif mitlub fl-istess ittra fuq citata.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' dawn il-proceduri.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-21 ta’ Frar 2017.

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali Dwana datata 20 ta’ Frar 2017 (fol 5) fejn espona :-

1. Illi preliminarjament dan ir-rikors hu nieqes minn bazi legali *stante* li l-ligi ma tikkontemplax li dan ir-rikors jista' jsir, u lanqas tikkontempla l-possibilita' ta' kontestazzjoni ghal ittra ufficjali pprezentata *ai termini* tal-artiklu 256(2) tal-Kap 12. Ghalhekk ir-rikorrent ghandu jindika a bazi ta' liema ligi hu qed jipprezenta dan ir-rikors, u fin-nuqqas ta' bazi legali korretta, din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad dan ir-rikors.

2. Illi preliminarjament ukoll, it-talba tar-rikorrent debitur biex it-talba fl-ittra ufficjali pprezentata fl-24 ta' Jannar 2017 tkun michuda, ma tistax issehh lanqas. Dan ghaliex l-ittra ufficjali in kwistjoni mhi taghmel l-ebda talba lill-Qorti imma biss qed tezigi l-hlas minghand id-debitur u tgharrfu li l-kuntratti qed ikunu rezi ezekuttivi, u dan *ai termini* tal-artiklu 256(2) tal-Kap 12. Dan hu stadju ta' ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv. Kulma hu mehtieg issa hi n-notifika tal-ittra ufficjali, li sehhet, u ghalhekk il-kuntratti msemmija llum jikkostitwixxu titolu ezekuttiv. Ghalhekk m'hemm l-ebda talba lill-Qorti f'din l-ittra ufficjali li tista' tkun milqugha jew michuda, kuntrarjament ghal dak li qed jitlob ir-rikorrent fit-tieni paragrafu tar-rikors tieghu.

3. Illi minghajr pregudizzju ghal dak li diga` inghad, fil-mertu fil-kuntratti msemmija t'April 2014 u Frar 2015, id-debitur jaghraf u jaccetta li ghandu jhallas is-somma ta' €1,277,849.40 u €23,919 rispettivament rapprezentanti arretrati ta' taxxa tas-sisa. Il-kuntratti imbaghad ifissru l-mod ta' kif din is-somma ghandha tithallas. Ghalhekk trid issir distinzjoni bejn meta s-somma giet dovuta u l-modalita' ta' hlas miftehma fil-kuntratti. Meta ffirma l-kuntratti, id-debitur accetta li ghandu jaghti s-somma shiha, u li s-somma shiha diga` hi dovuta. Kieku ma kienx hekk, kieku l-kuntratti kienu jkunu hafna differenti minn hekk. Il-hlasijiet mensili huma biss mod kif ghandu jsir il-hlas, u jekk l-ahhar pagament ghandu jsir fl-2021, ma jfissirx li s-somma shiha hi dovuta dakinhar, imma huwa biss l-ahhar pagament li ghandu jsir dakinhar. Altrimenti xejn ma jiswa li wiehed jiftiehem li ghandhom isiru hlasijiet mensili, jekk

meta jixtieq, id-debitur jiddeciedi li se jhallas is-somma kollha fl-ahhar!

4. Illi barra minn hekk, is-somom shah dovuti ta' €1,277,849.40 u €23,919 ilhom dovuti sa mill-inqas Dicembru 2012. Dan ghaliex ir-rikorrent debitur huwa mahzen tas-sisa registrat dwar negozju ta' sigaretti taht il-Kap 382 u bhala tali, it-taxxa li ghandu jhallas hi dovuta sa hmistax-il jum tax-xahar ta' wara minn meta s-sigaretti jkunu offruti ghall-konsum domestiku, u dan kif jipprovdi r-**Regolament 8 Taqsima C Sitt Skeda tal-Kap 382**. Ghalhekk hu ghal kollox zbaljat l-argument tar-rikorrent debitur li z-zewg somom hawn imsemmija huma dovuti b'mod shih fl-2021. Is-somom mitluba fl-ittra ufficjali in kwistjoni ilhom dovuti fl-intier taghhom sa mill-inqas l-2012. Ghalhekk l-esponent hu korrett legalment li jitlob il-hlas taz-zewg somom fl-intier taghhom u jirrendi l-kuntratti ezekuttivi f' dan l-istadju.

5. Illi mhux minnu li r-rikorrent debitur ghamel hafna pagamenti sal-lum. L-ahhar pagament sar f' April 2016 u kien inqas mill-ammont li kellu jhallas dak ix-xahar. L-istess jinghad ghall-pagamenti ta' qabel. Fil-fatt ir-rikorrent hallas biss €113,500 taxxa, eskluz imghax, mill-pagamenti mensili li kellu jaghmel. Jekk id-debitur ilu li waqa' lura fil-hlasijiet mensili ghaxar xhur, hu difficli hafha li wiehed jifhem kif id-debitur se jhallas is-somma kollha dovuta bl-imghax fuqha fl-2021, tenut kont tal-ammonti konsiderevoli dovuti. Ghalhekk hu legalment korrett u ragonevoli hafna li l-

kreditur ihares id-drittijiet tieghu bil-modi kollha possibbli issa.

6. Ghaldaqstant l-esponent jissottometti li l-ittra ufficjali ipprezentata fl-24 ta' Jannar 2017 kontra r-rikorrent ghandha tkun konfermata fl-effett taghha li tirrendi ezekuttivi z-zewg kuntratti fiha imsemmija datati 23 ta' April 2014 u 2 ta' Frar 2015, ghas-somma intiera mitluba f'kull kuntratt, u dan ladarba kienet debitament notifikata lid-debitur skont il-ligi.

7. Ghalhekk l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontrieh u dan taht kull provediment li din il-Qorti joghgobha taghti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 21 ta' Marzu 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Prezenti Martin Spiteri bhala rapprezentant tad-Direttur Generali Dwana. Dr Marvic Sciberras Abdilla ivverbalizzat li l-kuntratt esebit a fol 14 tan-nota mhix kopja korretta tal-kuntratt, billi hemm diskrepanzi li trid tirrileva. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet dwar l-eccezzjoni issollevata mid-Direttur Generali Dwana, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Ir-rikors gie differit ghal digriet fuq iz-zewg eccezzjonijiet ghas-27 ta' April 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIET

Illi dan hu digriet *in parte* fuq l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet sollevati mill-intimat fejn qed jikkontendu li din l-azzjoni m'ghandhiex bazi legali *stante* l-ligi ma tikkontemplax li tista' ssir azzjoni bhal din u lanqas tikkontempla l-kontestazzjoni ta' ittra ufficjali pprezentata *ai termini* tal-artikolu 256(2) tal-Kap 12. Fit-tieni lok, gie eccepit, li t-talba tas-socjeta' rikorrenti biex it-talba fl-ittra ufficjali pprezentata fl-24 ta' Jannar 2017 tkun michuda ma tistax tintlaqa' peress li l-imsemmija ittra ufficjali ma taghmel l-ebda talba lill-Qorti, imma qeghda semplicement tesigi l-hlas minghand id-debitur a tenur tal-artikolu 256(2) tal-kap 12.

**Ikkonsidrat** li t-talba tar-rikorrent hija sabiex tissospendi l-ezegwibilita` tat-titolu ezekuttiv pretiz fl-ammont kif mitlub fl-ittra ufficjali datata 24 ta' Jannar 2017.

**Rizultanzi fattwali:**

Illi permezz ta' zewg kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu, it-tnejn fl-atti tan-Nutar Dottor Philip Lanfranco u datati rispettivament it-23 ta' April 2014, (fol 11-12) u t-2 ta' Frar 2015 (fol 14-45) is-socjeta' rikorrenti ikkostitwiet ruhha debtrici tad-Direttur Generali tad-Dwana ghall-ammonti hemm indikati rapprezentanti taxxa tas-sisa. In segwitu, jirrizulta, li ntbaghtet ittra ufficjali ntavolata fl-24 ta' Jannar 2017 (fol 2) fejn is-socjeta` rikorrenti giet interpellata thallas l-ammont ta' miljun, hames mija u tmintax-il Ewro u seba' centezmi (€1,000,518.07) rapprezentanti bilanc ta' somma dovuta ghal taxxa ta' sisa, hekk kif jirrizulta mill-kuntratti tal-

kostituzzjoni ta' debitu, flimkien mal-imghax fuqhom. Jirrizulta li l-imsemmija ittra ufficjali giet notifikata lis-socjeta` rikorrenti fis-7 ta' Frar 2017 (fol 2 *a tergo*).

**L-ewwel eccezzjoni:**

*Illi preliminarjament dan ir-rikors huwa nieqes minn bazi legali stante li l-ligi ma tikkontemplax li dan ir-rikors jista' jsir, u lanqas tikkontempla l-possibilta` ta' kontestazzjoni ghal ittra ufficjali pprezentata ai termini tal-artikolu 256(2) tal-Kap 12. Ghalhekk, ir-rikorrent ghandu jindika a bazi ta' liema ligi hu qed jipprezenta dan ir-rikors, u fin-nuqqas ta' bazi legali korretta, din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad dan ir-rikors.*

Illi jirrizulta li l-ittra ufficjali esebita mar-rikors promotur a fol 2 tal-process hija ndirizzata lil Dentrade Company Limited. Permezz ta' din l-ittra s-socjeta` rikorrenti giet interpellata thallas l-ammont ta' miljun, hames mija u tmintax-il ewro u seba' centezmi (€1,000,518.07) sal-ahhar ta' Jannar 2017. F'din l-ittra, apparti l-interpellanza ghall-hlas, hemm miktub:

"*Permezz tal-prezenti wkoll id-Direttur Generali Dwana qed jirrendi ezekuttiv l-istess zewg kuntratti, .....".*

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li, kif jikkontendi l-istess intimat, din il-procedura saret fit-termini tal-artikolu 256(2) tal-Kap 12 u mhux tal-artikolu 466 tal-istess Kodici.

**L-artikolu 256(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** jiddisponi li t-titolu ezekuttiv isir ezegwibbli wara jumejn min-notifika ta' ittra ufficjali ghall-hlas. L-ittra ufficjali

pprezentata fl-24 ta' Jannar 2017, poggiet in mora lid-debitur skont il-ftehim, bil-patt espressament miftiehem, u salv hlas jew kontestazzjoni, d-debitu jsir kollu dovut ghall-bilanc. Hu pacifiku li s-socjeta' rikorrenti giet notifkata bl-ittra ufficjali *ai termini* tal-artikolu 256(2) tal-Kap 12. Dan qed inghad ghaliex minn dak dispost fl-artikolu 256(2) tal-Kap 12, huwa evidenti li n-notifika valida tal-ittra ufficjali interpellatorja hija ferm importanti sabiex it-titolu ezekuttiv in kwistjoni jigi rez esegwibbli *ai termini* tal-Ligi.

F'dan il-kuntest, ta' min ighid, li t-titoli ezekuttivi huma dawk kif naxxenti mill-**Artikolu 253 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**. L-imsemmi artikolu tal-ligi applikabbli ghall-kaz in ezami huwa l**-artikolu 253(b)** li jistipula:

*"………huma titoli ezekuttivi l-kuntratti ricevuti min-Nutar pubbliku ta' Malta, jew minn ufficjal pubbliku iehor awtorizzat li jircevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn, cert, likwidu u li ghalaq, u ma jikkonsistix f'ezekuzzjoni ta' fatt."*

Ghalhekk, permezz ta' l-ittra ufficjali intavolata fl-24 ta' Jannar 2017, l-intimat irrenda ezegwibbli titolu ezekuttiv *ai termini* tal-Artikolu 253(b) u 256(2) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta, liema titoli ezekuttiv jikkonsistu fiz-zewg kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu datati 23 ta' April 2014, u 2 ta' Frar 2015, esebiti a fol 11 *et sequitur* tal-process.

Illi fir-rikors odjern, is-socjeta' rikorrenti qed titlob li jigi sospiz l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv in kwistjoni. L-intimat qed isostni li mkien fil-ligi m'hemm stipulat li dan jista' jsir, ghalhekk qed jigi eccepit li m'hemmx bazi legali

ghall-kaz *de quo*. Hawnhekk, din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess kemm tramite l-ewwel eccezzjoni, kif ukoll fit-trattazzjoni, li ma jezistix provvediment fil-ligi li jipprovdi ghal talba bhal din ghas-sospenzjoni tal-att ezekuttiv.

Jigi dedott, li l-ligi tipprovdi **fl-artikolu 281 tal-Kap 12,** ghal talba ghat-thassir *in toto* jew in parte tal-att ezekuttiv u mhux ghas-sospensjoni tal-istess.[1] Madankollu, huwa pacifiku, li l-procedura kkontemplata fl-**artikolu 281 tal-Kap 12** ma tistax tintuza biex jergghu jinfethu kwistjonijiet marbuta mal-mertu suggett tal-att ezekuttiv in kwistjoni, izda hija procedura intiza sabiex l-att ezekuttiv li jkun fih difett formali, li jolqot il-validita` tieghu jigi revokat.[2]

Jigi ritenut, li permezz tar-rikors odjern, is-socjeta` rikorrenti mhijiex titlob it-thassir tal-att ezekuttiv, imma talbu lill-Qorti *…. "sabiex tissospendi l-ezegwibilita` tat-titolu ezekuttiv pretiz fl-ammont kif mitlub fl-istess ittra fuq citata."*

Jigi osservat, li l-unika kaz ikkontemplat fil-ligi fejn tista' tintalab sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv huma ghas-sospenzjoni ta' bejgh bis-subbasta (a tenur tal-**artikolu 326 tal-Kap 12**), u talba ghal sospensjoni ghall-ezekuzzjoni ta' kambjala jew *promissory note*, *in toto* jew *in parte* ghar-ragunijiet moghtija **fl-artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**. (Ara **Alexander Farrugia vs More Supermarkets Limited et**, PA 997/2014, deciza fis-17 ta'

[1] **Edmond Mugliette v More Supermarkets Ltd et -** A.C.Nru 996/2014 - 27/5/2015.

[2] Ara **AASK Enterprises Ltd vs More Supermarkets Ltd**. P.A. deciza fit-12 ta' Frar 2015;, **Victor Fenech et vs Anthony Fountain et**, P.A. JRM deciza fl-20 ta' Gunju 2012; **HSBC Bank Malta plc vs Doris Conch**in, P.A. JRM deciza fit-28 ta' Lulju 2011; **Michael Micallef vs Lloyds Malta Ltd.**, P.A. deciza fit-2 ta' Ottubru 2014; **Briffa vs Stones Properties Ltd. noe** App. Civ. Deciz fl-1 ta' Dicembru 2000 (Kollez. Vol. LXXXIV.ii.1401).

Dicembru 2014). Izda, ghajr dawn il-kazijiet espressament msemmija fil-ligi, ma jirrizultax li hemm stabbilit li tista' ssir talba ghal sospensjoni ta' att ezekuttiv, kif qed isir fil-kaz in dizamina.

Referibbilment ghal dak sottolineat mis-socjeta' rikorrenti fin-nota, a fol 8 tal-process, li r-raguni ghaliex intuzat il-procedura odjerna kienet minhabba n-nuqqas ta' citar tal-artikolu tal-ligi fl-ittra ufficjali esebita a fol 2. Ghalkemm huwa minnu li l-imsemmija ittra ufficjali ma ticcitax l-artikolu tal-ligi in kwistjoni, taqbel ma' dak sostnut fit-trattazzjoni mill-avukat difensur tal-intimat, l-kontenut ta' dan l-att gudizzjarju huwa manifestament car u evidenti. Ghaldaqstant, *nonostante* n-nuqqas ta' indikazzjoni ta' l-artikolu tal-ligi relevanti, ossija l-artikolu 256(2) tal-Kap 12, is-socjeta rikorrenti ma tistax tivvanta drittijiet ghal sospensjoni tal-att ezekuttiv in kwistjoni *stante* li din mhijiex ikkontemplata u stabbilita fil-ligi taghna. Inoltre`, jigi osservat, li lanqas fuq bazi *prima facie*, ma ntwera jew ingiebet l-icken prova in sostenn ghal dak premess fir-rikors promotur.

Ghaldaqstant, tilqa' l-ewwel eccezzjoni.

**<u>It-tieni eccezzjoni:</u>**

*Illi preliminarjament ukoll, it-talba tar-rikorrent debitur biex it-talba fl-ittra ufficjali ipprezentata fl-24 ta' Jannar 2017 tkun michuda, ma tistax issehh lanqas. Dan ghaliex l-ittra ufficjali in kwistjoni mhi taghmel l-ebda talba lill-Qorti imma biss qed tesigi l-hlas minghand id-debitur u tgharrfu li l-kuntratti qed ikunu rezi ezekuttivi, u dan ai termini tal-*

*artikolu 256(2) tal-Kap 12. Dan hu stadju ta' ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv. Kull ma hu mehtieg issa hi n-notifika tal-ittra ufficjali li sehhet, u ghalhekk, il-kuntratti imsemmija illum jikkostitwixxu titolu ezekuttiv. Ghalhekk, m'hemm l-ebda talba lill-Qorti f'din l-ittra ufficjali li tista' tkun milqugha jew michuda, kuntrarjament ghal dak li qed jitlob ir-rikorrent fit-tieni paragrafu tar-rikors tieghu.*

*In vista* ta' dak diga ritenut rigward l-ewwel eccezzjoni, din il-Qorti ser tinidirizza xorta wahda t-tieni eccezzjoni.

Ikkonsidrat, li s-socjeta` rikorrenti, fin-nota pprezentata a fol 8 tal-process, gie sottomess, li d-Direttur Generali Dwana, tramite l-ittra ufficjali in kwistjoni, qed issir talba biex jigi rez esegwibbli ammont ta' flus, u permezz tal-procedura ezegwita, qieghed jitlob li jithallas l-ammont kollu, u dan l-ammont huwa kkontestat mis-socjeta` rikorrenti.

Izda, l-intimat irrenda ezegwibbli t-titolu ezekuttiv *ai termini* tal-artikoli 253(b) u 256(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif stipulat fl-artikolu tal-ligi sucitati u kif titlob il-procedura legali hemm imfissra. *Di piu`*, taqbel ma' dak sottomess mill-avukat difensur tal-intimat fit-trattazzjoni, li ma hemm l-ebda talba lill-Qorti permezz tal-ittra ufficjali, *stante* li l-ittra ufficjali qed tintbaghat ghax hekk titlob il-procedura legali sabiex it-titolu emanenti mill-kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu, jigi rez titolu ezekuttiv.

Ghaldaqstant, din il-Qorti, ma tistax tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti biex it-talba fl-ittra ufficjali pprezentata fl-24 ta' Jannar 2017 tkun michuda.

Ghalhekk, tilqa' t-tieni eccezzjoni.

## III. <u>KONKLUZJONI:</u>

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat, tichad it-talbiet bhala infondati guridikament.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' April 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' April 2017**